# RAHAL GDID U L-KNISJA TIEGHU

## *TIFKIRIET MILL-KAV. RAFEL BONNICI CALI'*

**IL-FESTA ta' Kristu Re li ssir din is-sena fir-Raħal Ġdid tfakkar il-75 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa ta' dan ir-raħal li għal bosta snin kien jagħmel mal-parroċċa ta' Ħal Tarxien, ir-raħal qadim ġar tiegħu, u għalhekk in-nies sejħulu Raħal Ġdid. Għalkemm dan ir-raħal sabiħ kien imfassal mill-Gran Mastru Anton de Paule fl-1626, baqa' ma qdiem qatt u baqa' ġdid u aktarx jibqa' ġdid għal bosta sekli oħra billi għandu pożizzjoni ċentrali bejn il-Kottonera u l-irħula kbar ta' madwaru, tant li llum jista' jissejjaħ belt minħabba l-kummerċ li fih u l-uffiċini amministrattivi li jaqdu din in-naħa ta' Malta.**

Fi ċkuniti dawn il-kumditajiet kollha kienu miġbura f'Ħal Tarxien, u għalhekk kemm aħna u kemm in-nies tar-Raħal Ġdid konna nqisu li Ħal Tarxien u Raħal Ġdid kienu jagħmlu raħal wieħed, kif tassew huma llum bil-bini tagħhom imdaħħal ġo xulxin. It-twajjeb Gran Mastru De Paule kien iħobb il-kaċċa u aktarx li għalhekk fettillu jibni villa fejn iżomm il-klieb sbieħ li kellu u ħalla t-tifkira tagħhom fuq il-famuża Loġġa li jaħasra ġiet meqruda bla ebda bżonn wara li ħelset mit-tiġrif tat-Tieni Gwerra Dinjija. Din kienet taħbat f'tarf it-triq maġġura li tieħu minn Misraħ Paola sa qrib il-Ħorr, jiġifieri d-daħla taċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata.

De Paule bena wkoll knisja fi pjazza żgħira li tmiss ma' din it-triq tal-Loġġa fejn, fuq l-artal maġġur, poġġa l-pittura tiegħu qiegħed jitlob quddiem Santa Ubaldeska, soru ta' l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, li għadna nistgħu narawh f'din il-knisja qadima. Huwa għamel li seta' biex irawwem in-nies f'dan ir-raħal tiegħu, imma n-nies baqgħu ftit sa nofs is-seklu 19 meta, ħabta u sabta, bosta ħaddiema tat-tarzna u tal-Marsa għażlu li jaqblilhom jiġu jgħixu qrib il-post tax-xogħol tagħhom.

Imma r-raħal far bin-nies fi żmieni, u għalhekk fl-1910 l-awtoritàjiet tal-Knisja raw li jieħdu l-knisja tal-Gran Mastru u għamluha parroċċa bl-isem ħelu ta' Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Il-kwadru ta' l-artal, xogħol sabiħ ta' Lazzaro Pisani, sar fi żmieni waqt li l-gwarniċ tiegħu skolpit, sar minn qaribi Emanuele Buhagiar, li rnexxa ħafna. Din il-parroċċa marret 'il quddiem ħafna u żżejnet bil-pittura tal-Bambina, xogħol mill-aħjar ta' Ramiro Cali', qaribi; San Lawrenz, xogħol Ġuże' Duca, u l-Kunċizzjoni, xogħol ta' Barra, li bejniethom jirrappreżentaw il-qaddisin titulari tat-tlett ibliet tal-Kottonera, għax dan ir-raħal ġew jgħammru fih bosta nies mill-Isla, mill-Birgu u minn Bormla.



Il-knisja ta' Santa Ubaldesca, mibnija mill-Granmastru De Paule. Din il-knisja saret l-ewwel parroċċa ta' Raħal Ġdid fl-1910 bl-isem ħelu tal-Qalb ta' Ġesù, qabel ma nbniet il-knisja l-ġdida.

### KNISJA ĠDIDA U AKBAR

Qrib l-1920 inħass il-bżonn ta' knisja ġdida u akbar, li fil-fatt ġiet imfassla minn Ġuże' Damato u approvata mill-perit Tortell, żewġ benefatturi kbar ta' dan ir-raħal. Fl-1923 kienet tqiegħdet l-ewwel ġebla bis-salib ta' l-injam fl-għalqa kbira ta' quddiem il-Loġġa li diġà semmejna, u l-poplu twajjeb ta' dan ir-raħal medd idejh fix-xogħol tal-pedamenti u kull familja ħarġet ukoll ħlas ta' sitt soldi fil-ġimgħa (2 ċenteżmi u 5 milleżmi) biex jitkompla x-xogħol tal-bini li kellu pjanta ġdida li ma tixbah lil ebda knisja oħra f'Malta. Il-kostruzzjoni kienet ukoll ġdida billi saret b'taħlita ta' materjal ferro-concrete miksi bil-ġebla Maltija. Jiena kont inqatta' sigħat sħaħ inħares lejn il-ħaddiema, bennejja, naġġara u skulturi u kont nixtieq li kelli l-ħila ngħin f'dan il-bini tad-dar ta' Alla.



Dehra, meħuda mill-ajru, tal-Knisja Parrokkjali ta' Raħal Ġdid iddedikata lil Kristu Re.

Issa ħabat li, fl-istess żmien, il-Papa għamel il-festa ġdida ta' Kristu Re maddinja kollha, u għalhekk il-poplu ta' dan ir-raħal, imħeġġeġ kif kien biex jara l-knisja lesta, għażel li l-isem tal-knisja jkun "Kristu Re", kif tassew sar, isem tassew sabiħ u devot li fih tifsira kbira għaż-żminijiet tagħna.

Kemm jiena u kemm bosparruċċani ta' Ħal Tarxien konna ninteressaw ruħna nattendu għall-attivitajiet kollha matul ix-xogħol mill-bidlu sa l-aħħar. Niftakar li smajt l-ewwel quddiesa f'din il-knisja meta kienet għadha bla saqaf u, biex ma ntawwalx, smajt ukoll quddiesa oħra meta l-knisja kienet imsaqqfa l-ewwel bil-pjanċi taż-żingu u fl-aħħar bil-ġebel, u kantajt mal-poplu u l-Isqof it-Te Deum.

Illum, li għall-grazzja ta' Alla rajt din il-knisja titwieled u tikber daqs ġgant, irrid nifraħ mal-poplu kollu u nieħu sehem fil-funzjonijiet li qegħdin isiru biex ifakkru l-75 sena mit-twaqqif ta' din il-parroċċa, unur u żina ta' dan ir-raħal.